**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Dylan Spiteri**
**(ID 195193(M))**

**Illum: 27 ta' Lulju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Dylan Spiteri** ta' 26 sena, iben Wilfred u Georgina nee` Agius, imwieled il-Pieta` nhar il-25 ta' April 1993, residenti Artemis, Triq San Ġorġ, Għaxaq, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 195193(M);

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

Talli nhar is-27 ta' Settembru 2019 fil-ħinijiet ta' bejn is-1.00 a.m. u s-2.00 a.m. ġewwa Raħal Ġdid:

1. Ikkommetta serq aggravat bil-ħin, liema valur tal-ħaġa misruqa (flus kontanti) ma kienx iżjed minn €232.94 għad-detriment ta' Antonio Darmanin (ID 551053(M)), sid tal-istabbilment Darmanin Footwear;

2. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €2500 iżda iżjed minn €250

għad-detriment ta' Antonio Darmanin (ID 551053(M)), sid tal-istabbilment Darmanin Footwear;

U talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet diffferenti fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2019 u l-5 ta' Ottubru 2019 ġewwa Ħaż-Żabbar:

3. Ikkommetta diversi serq aggravat bil-ħin, liema valur tal-ħaġa misruqa (muniti) ma kienx iżjed minn €232.94 għad-detriment ta' Neil Buhagiar (ID 470888(M)), sid il-pompa tal-fjuwil bl-isem ta' Lourdes Petrol Station;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €2500 iżda iżjed minn €250 għad-detriment ta' Neil Buhagiar (ID 470888(M)), sid il-pompa tal-fjuwil bl-isem ta' Lourdes Petrol Station;

U talli nhar is-6 ta' Ottubru 2019 fil-ħin ta' bejn l-4.00 a.m. u l-5.00 a.m. ġewwa ż-Żejtun:

5. Ikkommetta serq aggravat bil-ħin, liema valur tal-ħaġa misruqa (muniti) ma kienx iżjed minn €232.94 għad-detriment ta' John Micallef (ID 224872(M)), sid il-pompa tal-fjuwil bl-isem ta' J. Micallef Service Station;

6. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €250 għad-detriment ta' John Micallef, sid il-pompa tal-fjuwil bl-isem ta' J. Micallef Service Station;

U talli nhar is-6 ta' Ottubru 2019, fil-ħin ta' bejn l-4.00 a.m. u l-5.00 a.m. ġewwa Ħal Għaxaq:

7. Ikkommetta serq sempliċi, liema valur tal-ħaġa misruqa (muniti) ma kienx iżjed minn €232.94 għad-detriment ta' Joseph Azzopardi (ID 525856(M)), sid il-pompa tal-fjuwil bl-isem ta' Jamie Service Station;

8. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €2500, iżda iżjed minn €250 għad-detriment ta' Joseph Azzopardi (ID 525856(M)), sid il-pompa tal-fjuwil bl-isem ta' Jamie Service Station.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-

Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat illi fuq talba tad-difiża, il-Qorti ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat odjern, rat l-istess *Pre-Sentencing Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard[1] u semgħet ix-xhieda tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*[2];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Novembru 2020, liema fedina penali għalkemm m'hijiex netta, lanqas ma hija waħda refrattarja, tant li l-imputat instab ħati ta' reat wieħed li jmur lura għas-sena 2010 u li dwaru, huwa ngħata liberazzjoni kundizzjonata. Tqis ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-8 ta' Ottubru 2019[3] jirriżulta illi huwa kkopera ferm mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. In oltre, fil-proċeduri odjerni huwa rreġistra ammissjoni bikrija.

Il-Qorti qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll illi s-serq in kwistjoni ġie kommess mill-imputat b'riżultat tad-dipendenza serja tiegħu fuq id-droga. Qed tqis ukoll in oltre illi mill-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard jirriżulta illi l-vittmi tas-serq ħafrulu u mhumiex qed ifittxu kumpens.

Qieset ukoll illi fiż-żmien tal-istess *Pre-Sentencing* rapport, l-imputat daħal ġewwa Dar l-Impenn u ġimgħa wara daħal għall-programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fi ħdan il-Komunita` Santa Maria, fejn kien jinsab sa dakinhar li xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* fid-29 ta' Jannar 2020. In oltre huwa qed jingħata wkoll għajnuna psikjatrika. Jirriżulta wkoll mill-istess rapport illi l-imputat għandu appoġġ kbir min-naħa tal-familjari tiegħu.

---

[1] Ara a fol. 54 *et seq* tal-proċess.
[2] Ara a fol. 49 sa 53 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 14 *et seq* tal-proċess.

Mill-*Pre-Sentencing Report* jirriżulta in oltre illi l-pjan ta' kura li rrakkomandat l-imsemmija Uffiċjal tal-*Probation* fid-dawl tal-informazzjoni miġbura dwar l-imputat hija illi huwa jindirizza l-problema tad-droga sabiex b'hekk tiġi riżolta wkoll l-problema tal-kriminalita`, u dan billi huwa jinżamm f'ambjent ikkontrollat u terapewtiku ossia billi jtemm il-programm residenzjali li huwa beda, fil-waqt illi jibqa' jirċievi għajnuna psikjatrika. Għaldaqstant sabiex jiġi aċċertat li l-pjan ta' kura jiġi eżegwit, u biex jitnaqqas ir-riskju li l-imputat jerġa' jikkommetti reati oħrajn fil-futur, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* irrakkomandat illi l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għall-perjodu massimu. B'hekk din isservi ta' sanzjoni li tħeġġu sabiex jibqa' miexi fit-triq it-tajba, fil-waqt illi kemm il-darba jonqos milli jsegwi l-pjan, allura huwa jkun suġġett għal denunzja, bil-konsegwenzi kollha li din iġġib magħha.

Fid-dawl ta' diversi fatturi ossia l-fedina penali tal-imputat, illi fiż-żmien tal-każ odjern huwa kellu dipendenza serja fuq id-droga, liema dipendenza huwa ammettiha, kif ammetta wkoll illi din il-problema wasslitu sabiex jikkommetti r-reati odjerni, illi huwa għaraf li kellu bżonn l-għajnuna, kif ukoll illi għandu s-sostenn tal-familjari tiegħi li jistgħu jgħinuh sabiex jiġġieled din il-problema, il-Qorti jidhrilha illi jkun għaqli li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-*Probation*, bit-tama illi l-imputat verament jifhem illi dan l-istil ta' ħajja ma huwa ser iwasslu mkien ħlief għal iżjed inkwiet u illi jagħraf jaħtaf din l-opportunita` sabiex jirradrizza ħajtu u jibqa' fit-triq it-tajba.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 261(f), 270, 281(a), 284, 285, 325(1)(b) u 325(1)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Dylan Spiteri** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni jew jonqos milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-istess.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat